

ID-DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/136

tal-4 ta' Frar 2021

li tikkoreġi d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1119 dwar l-approvazzjoni ta' illuminazzjoni esterna effiċjenti tal-vetturi permezz ta' dijodi li jemettu d-dawl għall-użu f'vetturi b'magna ta' kombustjoni interna u f'vetturi elettriċi ibridi li ma jistgħux jiġu ċċarġjati esternament b'ħala teknoloġija innovattiva għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' CO₂ mill-karozzi tal-passiġġieri skont ir-Regolament (KE) Nru 443/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1339 dwar l-approvazzjoni skont ir-Regolament (UE) 2019/631 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' tidwil estern effiċjenti tal-vetturi bl-użu ta' dijodi li jemettu d-dawl b'ħala teknoloġija innovattiva għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' CO₂ minn ċerti vetturi kummerċjali ħief b'rabta mal-Proċedura ta' Ttestjar Armonizzata fuq Livell Dinji għall-Vetturi Ħief

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2019/631 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 li jistabbilixxi standards ta' rendiment fir-rigward tal-emissjonijiet ta' CO₂ tal-karozzi ġodda tal-passiġġieri u tal-vetturi kummerċjali ħief ġodda, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 443/2009 u (UE) Nru 510/2011 ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 11(4) tiegħu,

Billi:

- (1) Il-formula 9 fl-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1119 ⁽²⁾ mhix korretta u jenħtieġ li tiġi ssostitwita minn formula kkoreġuta ġdida.
- (2) Il-livell limitu ta' ffrankar tas-CO₂ imsemmi fil-punt 6 tal-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1339 ⁽³⁾ mhux korrett u jenħtieġ li jiġi ssostitwit bil-valur imsemmi fl-Artikolu 9(1)(b) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 427/2014 ⁽⁴⁾.
- (3) Għalhekk, id-Deċiżjonijiet ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1119 u (UE) 2020/1339 jenħtieġ li jiġu kkoreġuti skont dan,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Korrezzjoni tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1119

Fil-punt 4.2.2 tal-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1119, il-Formula 9 hija sostitwita b'dan li ġej:

$$s_{CO_2} = \sqrt{\sum_{i=1}^m \left(\frac{\partial C_{CO_2}}{\partial P_{Ei}} \cdot s_{P_{Ei}} \right)^2 + \left(\frac{\partial C_{CO_2}}{\partial K_{CO_2}} \cdot s_{K_{CO_2}} \right)^2} = \sqrt{\left(\frac{K_{CO_2}}{v \cdot \eta_{DCDC}} \right)^2 \cdot \sum_{i=1}^m (U_{Fi} \cdot s_{P_{Ei}})^2 + \left(\sum_{i=1}^m \Delta P_i \cdot U_{Fi} \right)^2 \cdot \left(\frac{s_{K_{CO_2}}}{v \cdot \eta_{DCDC}} \right)^2}$$

Artikolu 2

Korrezzjoni tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1339

Fil-punt 6 tal-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1339, it-test: "MT hija l-livell limitu minimu ugwali għal 1 g ta' CO₂/km" hija sostitwita b'dan li ġej:

"MT hija l-livell limitu minimu ugwali għal 0,5 g ta' CO₂/km"

⁽¹⁾ ĠU L 111, 25.4.2019, p. 13.

⁽²⁾ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1119 tat-28 ta' Ġunju 2019 dwar l-approvazzjoni ta' illuminazzjoni esterna effiċjenti tal-vetturi permezz ta' dijodi li jemettu d-dawl għall-użu f'vetturi b'magna ta' kombustjoni interna u f'vetturi elettriċi ibridi li ma jistgħux jiġu ċċarġjati esternament b'ħala teknoloġija innovattiva għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' CO₂ mill-karozzi tal-passiġġieri skont ir-Regolament (KE) Nru 443/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 176, 1.7.2019, p. 67).

⁽³⁾ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1339 tat-23 ta' Settembru 2020 dwar l-approvazzjoni skont ir-Regolament (UE) 2019/631 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' tidwil estern effiċjenti tal-vetturi bl-użu ta' dijodi li jemettu d-dawl b'ħala teknoloġija innovattiva għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' CO₂ minn ċerti vetturi kummerċjali ħief b'rabta mal-Proċedura ta' Ttestjar Armonizzata fuq Livell Dinji għall-Vetturi Ħief (ĠU L 313, 28.9.2020, p. 4).

⁽⁴⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 427/2014 tal-25 ta' April 2014 li jistabbilixxi proċedura għall-approvazzjoni u ċ-ċertifikazzjoni ta' teknoloġiji innovattivi għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' CO₂ minn vetturi kummerċjali ħief skont ir-Regolament (UE) Nru 510/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 125, 26.4.2014, p. 57).

*Artikolu 3***Dħul fis-seħħ**

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Frar 2021.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Ursula VON DER LEYEN
